# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**FORM 4** **STORJA** **Ħin: Siegħa u Nofs**

L-Ewwel Taqsima: **L-Aspirazzjonijiet Politiċi tal-Maltin**

☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ?

A: **Aqta' sing taħt it-tajba**:

1. Kummissarju Ċivili li l-Maltin tant kienu jirrispettawh li għamlulu monument fil-Barrakka t'Isfel:
   George V, Plumer, Alexander Ball, Ferdinandu V, Maitland
2. L-ewwel gvernatur Ingliż f'Malta:
   Maitland, Plumer, Dorman, Dyer, Bouverie
3. Id-data meta truppi Franċiżi telqu minn Malta:
   1798, 1800, 1802, 1813, 1836
4. Ir-rappreżentant tal-Gvern Ingliż f'Malta u kap tal-Kunsill tal-Gvern:
   President, Sindku, Kunsillier, Imħallef, Gvernatur
5. X'kienet Malta fi Żmien il-Ħakma Ngliża?
   Repubblika, kolonja, demokrazija, Imperu, kontinent
6. Mexxej Malti li ħadem favur il-Liberta` ta' l-Istampa flimkien ma' Camillo Sciberras:
   Dun Mikiel Xerri, Dun Karm, Manwel Dimech, George Mitrovich, Mikiel Anton Vassalli
7. L-ewwel President ta' Malta Repubblika:
   George Borg Olivier, Mintoff, Sir Anthony Mamo, Guido de Marco, Ugo Mifsud Bonnici
8. Mexxej tal-Maltin li laqqa' l-Assemblea Nazzjonali fl-1919:
   Tumas Dingli, Ganado, Filippo Sciberras, Mons Panzavecchia, Sigismondu Savona

**(marka x 8 = 8 marki)**

B: **Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | 1921 | Jum l-Indipendenza | |
| 2 | 21 ta' Settembru 1964 | Il-Gwerra l-Kbira jew l-Ewwel Gwerra Dinjija | |
| 3 | 13 ta' Diċembru 1974 | l-ewwel gvern rappreżentattiv għal Malta | |
| 4 | 1914-1918 | Malta ssir Repubblika | |
| 5 | 1 ta' Mejju 2004 | Tmiem il-bażi militari Ngliża f'Malta | |
| 6 | 31 ta' Marzu 1979 | Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea | |
| 7 | 1939-1945 | Tidħol il-Liberta` ta' l-Istampa u l-Liġi tal-Libell | |
| 8 | 1839 | It-Tieni Gwerra Dinjija | |

**(marka x 8 = 8 marki)**

| Kemm fhimt ? Kemm fhimt ? Kemm fhimt ? |
|---|

C: **Aqra**: *Fl-istampa qed tara wieħed mill-monumenti lill-vittmi tas-Sette Giugno fil-Belt. Monument ieħor lill-istess vittmi jinsab fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.*



(1) Taħseb li dawn l-erba' Maltin kien jixirqilhom żewġ monumenti biex jibqgħu mfakkra? Għaliex taħseb hekk?

______________________________________________

______________________________________________

__________________________________________ **(4 marki)**

(2) Semmi <u>żewġ</u> riżultati tajbin (effetti posittivi) li ġraw kawża ta' l-irvellijiet tas-Sette Giugno.

______________________________________________

__________________________________________ **(4 marki)**

It-Tieni Taqsima: **<u>Difiża ta' Malta fi Żmien l-Ingliżi</u>**:

| Kemm fhimt ? Kemm fhimt ? Kemm fhimt ? |
|---|

D: <u>Ħares lejn dawn it-tliet fortifikazzjonijiet</u>.



A: *Forti Sant Jiermu*



B: *Victoria Lines*



C: *Il-Forti Rinella – Kalkara*

Wieġeb dwar l-istampi ta' paġna 2:

1. X'differenza prinċipali tinnota bejn il-Forti Rinella u l-Forti Sant Jiermu?
______________________________ (2)

2. Semmi xi żvilupp li sar fl-armamenti ta' dak iż-żmien li wassal biex inbnew daqshekk differenti minn xulxin.
______________________________ (2)

3. Matul il-Victoria Lines (Ritratt B) hemm tliet fortizzi. Semmi **tnejn** minnhom:
(a) ____________________ (b) ____________________ (2)

4. Għid għaliex illum, dawn il-fortifikazzjonijiet reġgħu saru importanti għall-ekonomija Maltija.
______________________________ (2)

5. Semmi żewġ pajjiżi li ibbumbardjaw (tefgħu l-bombi) u riedu jirbħu lil Malta fi żmien il-ħakma Ngliża.
(a) ____________________ (b)____________________(2)

**(total = 10 marki)**

| ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? |
|---|

E: **Aqta' sing taħt it-tajba**:

1. Għall-ewwel li ġew Malta l-Ingliżi damu jużaw il-fortifikazzjonijiet li ħallew il-Kavallieri għal madwar (20, 50, 150, 200) sena.

2. Bosta fortifikazzjonijiet mibnija mill-Ingliżi wara l-1860, kienu ġa abbandunati (sa l-Ewwel Gwerra Dinjija, sa l-1870, sal-Gwerra tal-Krimea, sal-ftuħ tal-Kanal ta' Swejs).

3. Bosta fortifikazzjonijiet mibnija mill-Ingliżi ġew bla użu minħabba l-invenzjoni (tal-ferrovija, tal-kanuni, ta' l-ajruplan, tar-rokits).

4. F'Malta nbnew (żewġ, erba', sitt, għaxar) kanuni tal-mitt tunellata.

5. Matul il-kosta bejn Għajn Tuffieħa u Wied iż-Żurrieq l-Ingliżi ma bnewx fortizzi għax (m'hemmx irħula fil-qrib, m'hemmx it-Tarzna, ma kellhomx flus, il-kosta tikkonsisti f'irdumijiet għoljin).

6. Biex jiddefendu lit-Tarzna min-naħat ta' l-art l-Ingliżi bnew (il-Victoria Lines, il-Corradino Lines, il-Cottonera Lines, il-Firenzuola Lines).

7. Il-Forti Rinella nbena biex iħares (Marsamxett, il-Port il-Kbir, il-bajja ta' Marsascala, il-Bajja ta' Marsaxlokk).

8. Għaqda volontarja li taħdem biex tirrestawra bosta fortifikazzjonijiet użati jew mibnija mill-Ingliżi hija (Bir Miftuħ, il-Fondazzjoni Wirt Artna, il-MEPA, l-Għaqda tal-Wirt Kulturali Malti).

**(marka x 8 = 8 marki)**

It-Tielet Taqsima:

**Il-Ħajja Soċjali tal-Maltin**:

☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ?

F: **Ħares lejn l-istampi u wieġeb**:










1. Ritratt **A** jurina personaġġ Malti li baqa' magħruf fil-qasam tas-saħħa.
   Dan kien (Boffa, Strickland, Sir Temi Żammit, George Mitrovich) (1)

2. Għalfejn baqa' famuż dan il-personaġġ fil-qasam tas-saħħa pubblika?
   ______________________________________________ (1)

3. Stampa minn dawn turina l-ewwel mezz ta' transport pubbliku li daħal fi Żmien il-Ħakma Ngliża. X'jissejjaħ? ________________________________. (1)

4. X'jissejjaħ il-mezz ta' transport ta' ritratt B? ________________________________. (1)

5. Biex kien jaħdem? ________________________________. (1)

6. Liema mezz ta' transport daħal f'Malta fl-1905 u rnexxielu joqtol il-mezzi l-oħra kollha? ________________________________. (1)

**(total = 6 marki)**

G: **<u>Imla l-vojt bil-kliem mogħti</u>**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Paolo Pullicino | obbligatorja | illitterati | Sir Patrick Keenan |
| it-Taljan | l-Ingliż | Primarja | skejjel |



1. Wara l-1850 il-Kanonku ____________________ sar spettur ta' l-iskejjel primarji u ħadem biex jinfetħu iktar skejjel.
2. Skond ċensiment li sar fl-1861, 90% tal-Maltin kienu ______________________. Dan ifisser li la kienu jafu jiktbu, lanqas jaqraw.
3. Fl-1878, ġie Malta __________________________________________ li bħala Kummissarju Rjali kellu jistħarreġ il-qagħda ta' l-edukazzjoni f'Malta.
4. Dan il-Kummissarju Rjali issuġġerixxa li l-edukazzjoni għandha ssir ____________________________ . Flimkien ma' Kummissarju ieħor huwa ħadem ukoll biex ____________________________ jieħu post _______________________ kemm fl-edukazzjoni kif ukoll fl-amministrazzjoni tal-Gżejjer Maltin.
5. Wara li Malta ingħatat Gvern Rappreżentattiv fl-1921 inbnew ħafna ____________________________. Żvilupp importanti kien dak ta' wara l-Gwerra, fl-1946 meta saret liġi dwar l-edukazzjoni _______________________________ għat-tfal minn 5 sa 11-il sena.

**(total = 8 marki)**

Kemm fhimt ? Kemm fhimt ? Kemm fhimt ?

H: **<u>Aqra</u>**: Il-kanun tar-Rinella seta' jispara *shell* (bomba) li tiżen tunellata sa distanza ta' 8 mili. Seta' jifqa' (jippenetra) 21 pulzier ħadid. Bomba waħda minn dawn kienet tqum 2700 xelin. Xelin kienet biċċa flus ta' dak iż-żmien. Suldat kien jaqla' xelin kuljum. (mill-**brochure** maħruġ mill-**Fondazzjoni WIRT ARTNA**)



**<u>Wieġeb</u>**: Għaliex taħseb il-Gvern Kolonjali Ingliż kellu flus biżżejjed għad-difiża ta' Malta, imma kien joqgħod ħafna lura meta jiġi biex jonfoq flus fuq l-edukazzjoni u s-saħħa tal-Maltin?

________________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________ **(5 marki)**

I: X'għandhom x'jaqsmu l-Edukazzjoni, il-Kwistjoni tal-Lingwa, Fortunato Mizzi (*ritratt xellug*), Sigismondu Savona (*ritratt lemin*) u l-Bidu tal-Partiti Politiċi f'Malta?_____________________________________________________________





_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________ **(5 marki)**

# Emigrazzjoni:

☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm

J: **Ħares lejn din il-mappa:**




(*Il-mappa turina fejn emigraw il-Maltin fid-19-il seklu*)

1. Għaliex il-Maltin, fid-dsatax-il seklu, emigraw f'dawn il-postijiet li qed tara fil-mappa?

   ______________________________________________ (2)

2. **Aqra**: Fis-Seklu 20, bejn l-1946 u l-1975 madwar 137,000 Maltin u Għawdxin emigraw għal kollox mill-Gżejjer Maltin. Semmi żewġ pajjiżi fejn marru dawn l-emigranti fl-għoxrin seklu:

   (a) ____________________ (b) ____________________ (2)

3. Semmi żewġ diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-emigranti:

   (a) ______________________________________________

   (b) ______________________________________________ (2)

**(total = 6 marki)**

K: **Fis-Sekli 19 u 20 dawn li ġejjin kollha kienu jissejħu SUBBORGI**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Paola | Sliema | Ta' Xbiex | Ħamrun |
| Marsa | San Ġiljan | Gżira | Msida |

1. Agħżel **tnejn** li jistgħu jissejħu subborgi madwar il-Port il-Kbir:

   (a) ____________________ (b) ____________________

2. Ikteb l-ismijiet ta' **żewġ subborgi** li nsibu madwar il-Port ta' Marsamxett:

   (a) ____________________ (b) ____________________ **(total = 4 marki)**

Kemm fhimt ? Kemm fhimt ? Kemm fhimt ?

**Ifli sew din it-tabella**:

| DATA | ĠRAJJIET | POPOLAZZJONI |
|---|---|---|
| 1530 | Jaslu l-Kavallieri | 30,000 |
| 1798 | Wara 268 sena ta' ħakma tal-Kavallieri | 100,000 |
| 1900 | Wara 100 sena ta' ħakma Ingliża | 200,000 |
| 1950 | Wara 150 sena ta' ħakma Ingliża | 300,000 |

L: **Wieġeb billi tikteb VERU jew FALZ**:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Matul il-Ħakma Ngliża il-popolazzjoni kibret bit-tripplu. | |
| 2 | Il-popolazzjoni kibret minkejja li s-servizzi soċjali kienu limitati. | |
| 3 | Bil-pesta ta' l-1813 il-popolazzjoni naqset bi ftit. | |
| 4 | Fl-Ewwel Gwerra Dinjija tant mietu nies li l-popolazzjoni Maltija naqset b' 100,000 ruħ. | |
| 5 | L-indafa pubblika, it-tilqim tat-tfal u l-mediċina għenu biex tiżdied il-popolazzjoni. | |
| 6 | Kieku l-Maltin ma emigrawx bi ħġarhom, kieku l-popolazzjoni f'Malta hija ferm ikbar. | |
| 7 | Il-maltin kellhom jemigraw għax ma sabux biżżejjed xogħol hawn Malta. | |
| 8 | Il-pesta u l-kolera qatt ma affettwaw lill-popolazzjoni Maltija. | |

**(total = 8 marki)**

☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ?

M: **Qabbel il-PROĠETT mal-PROGRESS billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta**:

| | PROĠETT | PROGRESS | |
|---|---|---|---|
| 1 | Bini ta' tliet baċiri ġodda sa l-1900 | Difiża kontra t-torpedoes | |
| 2 | Bini ta' Portu Novu fil-Marsa | Titjib fil-kura tal-mard | |
| 3 | Bini ta' breakwater fl-1903 | Iktar spazju għad-dfin tal-mejtin | |
| 4 | Proġett ta' l-Addolorata 1872 | Kapaċita` li nsewwu l-vapuri tal-gwerra | |
| 5 | Proġett ta' l-Isptar San Luqa 1930 | Iktar xogħol għall-burdnara | |

**(total = 5 marki)**

N: **<u>Dawn li ġejjin kollha għandhom x'jaqsmu ma' l-ekonomija; qabbilhom billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta</u>**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Gwerra tal-Krimea | Spinta lill-biedja Maltija fi Żmien il-Ħakma Ngliża | |
| 2 | ix-xitla tal-patata | Ħaddiema jitilfu x-xogħol u jingħataw bosta sensji | |
| 3 | ix-xitla tal-qoton | Tispiċċa l-ekonomija ta' fortizza | |
| 4 | Armata, Ammiraljat u Air Force | Żieda fix-xogħol u kummerċ fil-portijiet Maltin | |
| 5 | Rundowns | Spiċċat minn Malta fi Żmien il-Ħakma Ingliża | |
| 6 | Bini ta' fabbriki u jibdew jiġu ħafna turisti | Iktar jobs għall-Maltin fis-servizzi Ingliżi | |

**(6 marki)**

## <u>Industrija Maltija fis-sekli 19 u 20</u>:

Kemm fhimt ? Kemm fhimt ? Kemm fhimt ?

O: **<u>Aqra</u>**: Fl-1916 matul l-Ewwel Gwerra Dinjija fit-Tarzna kien hemm madwar 15,000 ħaddiem. Minħabba l-għoli tal-ħobż il-Gvern tahom 50% żieda fil-paga waqt il-gwerra. Sa l-1919 kien hemm 8,000 ħaddiem li ħadu s-sensja.

**<u>Aħdem</u>**: wara li qrajt dan kollu, spjega fi kliemek x'tifhem meta tgħid li **<u>MALTA KELLHA EKONOMIJA TA' FORTIZZA</u>**.

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________ **(5 marki)**

**<< TMIEM IL-KARTA >>**